REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1891

tas-26 ta' Ottubru 2021

li jemenda l-Annessi XIV u XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 41(3), u il-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 42(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([2]) jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għar-regoli dwar is-saħħa pubblika u tal-annimali għall-prodotti sekondarji tal-annimali u l-prodotti derivati stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, inkluż mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa u l-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u għat-tranżitu minnha ta' konsenji ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati.

(2) B'mod partikolari, il-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxi r-rekwiżiti speċifiċi għall-importazzjoni lejn l-Unjoni u għat-tranżitu minnha ta' konsenji ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati għal użijiet barra mill-katina tal-għalf għal annimali mrobbijin fi rziezet għajr l-annimali mrobbija għall-pil. Tali konsenji huma meħtieġa jikkonformaw ma', *inter alia*, ir-regoli stabbiliti fit-Tabella 2 tat-Taqsima 1 ta' dak il-Kapitolu.

(3) B'mod aktar speċifiku, il-filliera 14 tat-Tabella 2 tistabbilixxi, *inter alia*, il-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u għat-tranżitu minnha ta' konsenji ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati għal użijiet barra mill-katina tal-għalf, inkluż konsenji ta' pil għall-manifattura ta' prodotti derivati, materjali tal-kategorija 3, imsemmija fil-punt (n) tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Ċerti Stati Membri talbu li l-filliera 14 tat-Tabella 2 tiġi emendata sabiex tinkludi lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' pil għall-manifattura ta' prodotti derivati. Ma hemmx lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' prodotti tal-annimali mrobbija għall-pil, iżda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' laħam frisk tal-ungulati. Wara evalwazzjoni tat-talba tal-Istati Membri, jixraq li fil-filliera 14 tat-Tabella 2 tiġi inkluża lista ta' pajjiżi terzi li minnhom jista' jiġi importat fl-Unjoni pil għall-manifattura ta' prodotti derivati. Peress li l-pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tal-ungulati joffru livell għoli ta' kontrolli uffiċjali u ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali, huwa xieraq li jiġu permessi l-importazzjonijiet tal-pil għall-manifattura ta' prodotti derivati minn dawk il-pajjiżi terzi.

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jiġi emendat skont dan.

(5) Barra minn hekk, il-Kapitolu 3(F) u l-Kapitolu 8 tal-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxu l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjonijiet fl-Unjoni jew għat-tranżitu minnha, ta' prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi u għal dawk li jintużaw għal skopijiet barra mill-katina tal-għalf jew għall-kampjuni tal-kummerċ, rispettivament. Dawk il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa jinkludu, fost l-oħrajn, ir-rekwiżit li l-annimali li minnhom jiġu derivati l-prodotti sekondarji tal-annimali jridu jkunu qagħdu f'azjenda waħda għal 40 jum qabel it-tbiċċir. Mill-perspettiva tas-saħħa tal-annimali, tali perjodu ta' residenza ta' qabel it-tbiċċir ta' 40 jum jiżgura s-sikurezza tal-prodotti sekondarji tal-annimali mhux ipproċessati meta jiġu importati fl-Unjoni. Il-ħelsien mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer mingħajr tilqim huwa l-aktar status favorevoli tas-saħħa tal-annimali skont l-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), u l-pajjiżi terzi b'dak l-istatus tas-saħħa tal-annimali huma awtorizzati għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u għat-tranżitu minnha ta' konsenji ta' laħam frisk mingħajr dan il-perjodu ta' residenza ta' 40 jum, sakemm jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra kollha tas-saħħa tal-annimali. Ċerti pajjiżi terzi li huma ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer mingħajr tilqim talbu lill-Kummissjoni li jkunu awtorizzati għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali mhux ipproċessati mingħajr il-perjodu ta' residenza ta' qabel it-tbiċċir ta' 40 jum. Il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet ta' prodotti sekondarji tal-annimali jenħtieġ li jiġu allinjati mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

(6) Għalhekk jenħtieġ li l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi, stabbiliti fil-Kapitolu 3(F) tal-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, u għall-prodotti sekondarji tal-annimali biex jintużaw għal skopijiet barra mill-katina tal-għalf jew għall-kampjuni tal-kummerċ, stabbiliti fil-Kapitolu 8 tal-Anness XV ta' dak ir-Regolament jiġu emendati skont dan.

(7) Barra minn hekk, il-Kapitolu V tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistipula li l-prodotti derivati ta' materjal tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2 jenħtieġ li jiġu mmarkati b'mod permanenti b'markatur kimiku biex jiġi evitat id-dħul tagħhom fil-katina tal-għalf u biex jiġu żgurati l-kontrolli uffiċjali tal-għalf. L-immarkar b'markatur kimiku mhuwiex meħtieġ għax-xaħmijiet imdewba tal-Kategorija 3. Għalhekk jeħtieġ li jiġi kkoreġut il-kliem żbaljat fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Kapitolu 10(B) tal-Anness XV ta' dak ir-Regolament għall-importazzjonijiet tax-xaħmijiet imdewba mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw għal ċerti skopijiet barra mill-katina tal-għalf, maħsuba għad-dispaċċ fl-Unjoni jew għat-tranżitu minnha.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jiġi emendat skont dan.

(9) Sabiex jiġi evitat kull tfixkil tal-kummerċ, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi perjodu tranżitorju li matulu l-prodotti kkonċernati mill-emendi li saru lir-Regolament (UE) Nru 142/2011, permezz ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ ikomplu jiġu aċċettati għall-importazzjoni lejn l-Unjoni u għat-tranżitu minnha, dejjem jekk dawk il-prodotti jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 142/2011 qabel l-emendi magħmula b'dan ir-Regolament.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi XIV u XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Mejju 2022, il-konsenji ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mimli u ffirmat kif xieraq skont il-mudell rilevanti taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Kapitolu 3(F), fil-Kapitolu 8 u fil-Kapitolu 10(B) tal-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, fil-verżjoni li tapplika qabel l-emendi previsti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, għandhom ikomplu jiġu aċċettati għall-importazzjoni lejn l-Unjoni jew għat-tranżitu minnha, sakemm tali ċertifikati tas-saħħa jkunu mtlew u ġew iffirmati kif xieraq mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2022.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat kif ġej:

1. fil-kolonna "Lista ta' pajjiżi terzi" fil-filliera 14 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) Fil-każ tal-pil għall-manifattura ta' prodotti derivati:

Il-pajjiż terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 (*) li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tal-ungulati.

_____

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).".

2. L-Anness XV huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu 3(F) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 3(F)

Ċertifikat tas-saħħa

Għall-prodotti sekondarji tal-annimali[3] għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi, maħsubin biex jintbagħtu fl-Unjoni Ewropea jew għat-tranżitu minnha[2]

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur
Isem
Indirizz

Nru tat-telefown

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz

Kodiċi Postali
Nru tat-telefown

I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE
Isem
Indirizz

Kodiċi Postali
Nru tat-telefown

I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi

I.11. Post tal-oriġini

Isem Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post tad-destinazzjoni

Maħżen doganali ☐
Isem Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

Kodiċi Postali

I.13. Post tat-tagħbija

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz tat-trasport

Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni
Ir-referenzi tad-dokumenti

I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (il-Kodiċi tas-SA)

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodott
Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:

Manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi ☐ Ipproċessar ulterjuri ☐ Użu tekniku ☐

I.26. Għat-tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐

Pajjiż terz Kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew għall-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Natura tal-prodott	Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti: Impjant tal-manifattura	Għadd ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-lott

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([1a]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011([1b]), u b' mod partikolari l-Kapitolu II tal-Anness XIV tiegħu, u niċċertifika li l-prodotti sekondarji tal-annimali deskritti hawn fuq:

II.1.1. jikkonsistu minn prodotti sekondarji tal-annimali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali ta' hawn taħt;

II.1.2. inkisbu fit-territorju ta': ……..……([1c]) minn annimali:

([2])jew [li baqgħu f'dan it-territorju minn twelidhom jew għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur qabel id-data tat-tbiċċir jew tal-produzzjoni;]

([2])jew [li nqatlu fis-salvaġġ f'dan it-territorju([1d]);]

([2])jew [li huma annimali tal-ordnijiet żooloġiċi Rodentia jew Lagomorpha, annimali akkwatiċi jew invertebrati terrestri jew akkwatiċi;]

([2])jew [II.1.3. inkisbu jew ġew prodotti minn annimali li ma tbiċċrux jew ma nqatlux biex tinqered xi marda epiżootika, u li

(a) ġejjin minn azjendi fejn

(i) għall-mardiet li ġejjin li għalihom l-annimali huma elenkati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, ma kienx hemm każijiet/tifqigħat tal-pesta bovina, tal-marda ta' Newcastle jew tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, matul il-perjodu tat-30 ġurnata ta' qabel, u lanqas tad-deni klassiku tal-ħnieżer jew tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, matul il-perjodu tal-40 ġurnata ta' qabel; u lanqas fl-azjendi li jinsabu qribhom f'raġġ ta'10 km, matul il-perjodu tat-30 ġurnata ta' qabel; u

(ii) fejn ma kienx hemm każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul il-perjodu tas-60 ġurnata ta' qabel, u lanqas fl-azjendi agrikoli li jinsabu qribhom f'raġġ ta' 25 km, matul il-perjodu tat-30 ġurnata ta' qabel; u

([2])jew [(b) baqgħu fl-azjendi tagħhom ta' oriġini għal perjodu ta' mill-anqas 40 ġurnata qabel id-data tat-tluq u nġarru direttament lejn il-biċċerija mingħajr ma kellhom kuntatt ma' annimali oħra li ma kinux konformi mal-istess kundizzjonijiet tas-saħħa;]]

([2]) jew [(b) baqgħu f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja fil-pajjiż terz jew fil-parti tat-territorju tal-pajjiż terz tal-oriġini li minnu l-importazzjonijiet ta' laħam frisk tal-ungulati huma awtorizzati mingħajr ebda restrizzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404, u fil-biċċerija

(i) għaddew mill-ispezzjoni tas-saħħa ante-mortem matul perjodu ta' 24 siegħa qabel il-waqt tat-tbiċċir u ma wrew ebda evidenza tal-mardiet imsemmijin hawn fuq li l-annimali jkunu suxxettibbli għalihom; u

(ii) qabel u fil-waqt tat-tbiċċir jew tal-qtil ġew immaniġġjati fil-biċċerija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ssodisfaw rekwiżiti li mill-inqas kienu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009([4])]]

([2])jew [II.1.3. inkisbu jew ġew prodotti minn annimali li ma nqatlux biex tinqered xi marda epiżootika, u li

(a) inqabdu u nqatlu fis-salvaġġ f'żona:

(i) li f'raġġ ta' 25 km ma kienx hemm każ/tifqigħa ta' xi marda minn dawn li ġejjin li għalihom l-annimali huma elenkati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-pesta bovina, il-marda ta' Newcastle jew l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, matul il-perjodu tat-30 ġurnata ta' qabel, u lanqas id-deni klassiku tal-ħnieżer jew id-deni Afrikan tal-ħnieżer, matul il-perjodu tal-40 ġurnata ta' qabel; u

(ii) li tinsab f'distanza ta' mill-anqas 20 km minn kull pajjiż jew parti mit-territorju ta' kull pajjiż li mhux awtorizzat jesporta lejn l-Unjoni Ewropea materjal tat-tjur matul it-30 ġurnata ta' qabel jew materjal tal-porċini matul l-40 ġurnata ta' qabel; u

(b) li fit-12-il siegħa ta' wara l-qtil ġew ittrasportati biex jitkessħu f'ċentru tal-ġbir u minnufih wara lejn stabbiliment tal-immaniġġjar tal-laħam tal-kaċċa, jew ġew ittrasportati direttament lejn stabbiliment tal-immaniġġjar tal-laħam tal-kaċċa;]

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi**

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1.4. inkisbu minn stabbiliment li tul il-perjodu tat-30 ġurnata ta' qabel, f'raġġ ta' 10 km madwaru ma kienx hemm każ jew tifqigħa ta' xi marda minn dawk imsemmijin fil-punt II.1.3 li l-annimali jkunu suxxettibbli għalihom, jew jekk kien hemm każ ta' mard, it-tħejjija ta' materja prima għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea tkun ġiet awtorizzata biss wara t-tneħħija tal-laħam kollu, u wara li l-istabbiliment kollu jkun tnaddaf u ġie ddiżinfettat taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali;

II.1.5. inkisbu u tħejjew bla ma ġew f'kuntatt ma' materjali oħra li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet meħtieġa hawn fuq, u li ġew immaniġġjati b'mod li tiġi evitata l-kontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi;

II.1.6. tqiegħdu f'imballaġġ ġdid li ma jħallix li jkun hemm tnixxija u f'kontenituri ssiġillati uffiċjalment b'tikketta li tindika "MATERJA PRIMA GĦALL-MANIFATTURA BISS TAL-IKEL GĦALL-ANNIMALI DOMESTIĊI" u l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-destinazzjoni fl-Unjoni Ewropea;

II.1.7. jikkonsistu biss minn dawn il-prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin:

(2)jew [- il-karkassi u l-partijiet ta' annimali mbiċċrin jew, fil-każ tal-annimali tal-kaċċa, l-iġsma jew partijiet tal-annimali maqtulin, li jkunu tqiesu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm jiġu ddikjarati irriversibbilment bħala prodotti sekondarji tal-annimali għal raġunijiet kummerċjali;]

(2)u/jew [- il-karkassi u l-partijiet li ġejjin li joriġinaw jew minn annimali li tbiċċru f'biċċerija u tqiesu tajbin għat-tbiċċir għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem jew minn iġsma u mill-partijiet tal-annimali tal-kaċċa li ġejjin, maqtulin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

(i) il-karkassi jew l-iġsma u l-partijiet ta' annimali li jkunu twarrbu għaliex mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li ma wrew ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali;

(ii) l-irjus tat-tjur;

(iii) il-ġlud, inklużi l-bċejjeċ minnhom, il-qrun u s-saqajn, inklużi l-għadam tal-karpu u tal-metakarpu, l-għadam tal-falanġi, tat-tarsus u tal-metatarsus;

(iv) il-lanżit tal-ħnieżer;

(v) ir-rix;]

(2)u/jew [- il-prodotti sekondarji tal-annimali dderivati mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż l-għadam bix-xaħam imneħħi, il-qrieqeċ u l-ħama miċ-ċentrifugi jew mis-separaturi wara l-ipproċessar tal-ħalib;]

(2)u/jew [- il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, jew l-oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, li ma jibqgħux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali, jew minħabba problemi tal-manifattura, jew difetti fl-imballaġġ, jew xi difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

(2)u/jew [- l-annimali akkwatiċi u l-partijiet ta' dawn l-annimali, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali,]

(2)u/jew [- il-prodotti sekondarji tal-annimali akkwatiċi li joriġinaw minn impjanti jew stabbilimenti li jimmanifatturaw il-prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

(2)u/jew [- il-materjal li ġej li joriġina mill-annimali li ma jkun wera ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali minn dan il-materjal:

(i) il-qxur tal-frott tal-baħar li jkollu miegħu tessut jew laħam artab;

(ii) dawn li ġejjin li joriġinaw minn annimali terrestri:

— il-prodotti sekondarji tal-maqas,

— il-bajd,

— il-prodotti sekondarji tal-bajd, inkluż il-qxur tal-bajd;

(iii) il-flieles ta' ġurnata maqtula minħabba raġunijiet kummerċjali;]

(2)u/jew [- il-prodotti sekondarji minn invertebrati akkwatiċi jew terrestri, għajr l-ispeċijiet patoġeniċi għall-bnedmin jew għall-annimali;]

.

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi**

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(2)u/jew [- l-annimali tal-ordnijiet żooloġiċi Rodentia u Lagomorpha u partijiet tagħhom, ħlief il-materjal tal-Kategorija 1 imsemmi fil-punt (a)(iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 8, tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u l-materjal tal-Kategorija 2 imsemmi fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament;]

(2)u/jew [- il-materjal minn annimali li jkun ġie ttrattat b'ċerti sustanzi li huma pprojbiti skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE([4a]), u l-importazzjoni tal-materjal hija permessa f'konformità mal-Artikolu 35(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;]

II.1.8. kienu ffriżati fl-impjant ta' oriġini jew kienu ppreservati f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea b'tali mod li ma jitħassrux bejn id-dispaċċ u l-konsenja lill-impjant tad-destinazzjoni fl-Unjoni Ewropea jew matul it-tranżitu mill-Unjoni Ewropea.

II.1.9. fil-każ ta' materja prima għall-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi, li tkun idderivata mill-annimali u li tkun ġiet ittrattata b'ċerti sustanzi li huma pprojbiti mid-Direttiva 96/22/KE, u l-importazzjoni hija permessa skont il-punt (a)(ii) tal-Artikolu 35,tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009:

(a) qabel ma tkun daħlet il-materja prima fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, fil-pajjiż terz tkun ġiet immarkata b'salib bil-faħam tal-kannol likwifikat, jew bil-karbonju attivat, fuq kull ġenb ta' barra ta' kull blokka ffriżata, jew meta tkun ittrasportata fuq pallets li ma jkunux maqsumin f'konsenji separati waqt it-trasport lejn impjant tal-ikel għall-annimali domestiċi tad-destinazzjoni fl-Unjoni Ewropea, inkella waqt it-tranżitu mill-Unjoni Ewropea, tkun ġiet immarkata fuq kull ġenb ta' barra ta' kull pallet, b'mod li l-immarkar ikun ikopri mill-anqas 70 % tat-tul dijagonali tal-blokka ffriżata u jkun mill-anqas wiesa' 10 cm;

(b) fil-każ ta' materjal li ma jkunx iffriżat, il-materja prima tkun immarkata fil-pajjiż terz qabel ma tidħol fit-territorju tal-Unjoni Ewropea billi tingħata kisja sprej bil-faħam tal-kannol likwifikat jew billi jkun applikat trab tal-faħam tal-kannol b'tali mod li l-faħam tal-kannol ikun jidher ċar fuq il-materjal; u

(c) meta l-prodotti sekondarji tal-annimali jkunu magħmulin minn materja prima li tkun ġiet ittrattata kif imsemmi hawn fuq, u magħmulin minn materja prima oħra mhux ittrattata, il-materja prima kollha tkun ġiet immarkata kif imsemmi fil-punti (a) u (b) hawn fuq.

(2)(5)[II.2. Rekwiżiti speċifiċi

(2)(6)[II.2.1. Il-prodotti sekondarji f'din il-konsenja jiġu minn annimali li nżammu fit-territorju msemmi fil-punt (II.1.2), fejn isiru regolarment programmi ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u jkunu kkontrollati uffiċjalment fl-annimali bovini domestiċi.]

(2)(7)[II.2.2. Il-prodotti sekondarji f'din il-konsenja jikkonsistu biss minn prodotti sekondarji tal-annimali ġejjin minn interjuri mirqumin ta' ruminanti domestiċi, li mmaturaw f'temperatura ambjentali ta' aktar minn + 2 °C għal perjodu ta' mill-anqas tliet sigħat, jew fil-każ tal-muskoli masseter ta' annimali bovini u ta' laħam ta' annimali domestiċi dissussat, għal perjodu ta' mill-anqas 24 siegħa.]]

(2)[II.3. il-prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi fihom jew inkisbu minn prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw mir-ruminanti u:

(2)jew [joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE([8]), u li fih ma kien hemm l-ebda każ indiġenu tal-BSE;]]

(2)jew [joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE fejn kien hemm każ indiġenu tal-BSE, u l-prodotti sekondarji tal-annimali jew il-prodotti derivati kienu dderivati minn annimali li twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi effettivament infurzata l-projbizzjoni fuq it-tmigħ tar-ruminanti bil-frakass tal-laħam u tal-għadam u bi qrieqeċ li ġejjin mir-ruminanti, kif iddefinit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), f'dak il-pajjiż jew f'dak ir-reġjun, u

(2)either [ġejjin minn ruminanti għajr annimali bovini, ovini jew kaprini.]]]

(2)jew [ġejjin minn annimali bovini, ovini u kaprini li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE.]]]

(2)jew [ma fihomx:

(a) materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([9]);

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi**

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(b) laħam separat b'mod mekkaniku miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini, ħlief minn dawk tal-annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE, li fih ma kien hemm l-ebda każ indiġenu tal-BSE,

(c) prodott sekondarju tal-annimali miksub minn annimali bovini, ovini jew kaprini li wara l-isturdament inqatlu permezz tal-laċerazzjoni tat-tessut nervuż ċentrali bi strument tawwali fil-forma ta' virga li jiddaħħal fil-kavità kranjali, jew permezz ta' gass injettat fil-kranju, ħlief għal annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE.]]]

Noti

Parti I:

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.6: Persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott li se jiġi importat fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.12: Post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa trid timtela biss jekk dan ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, fi mħażen ħielsa u fi mħażen doganali.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplani) jew isem (bastiment); l-informazzjoni trid tingħata fil-każ ta' ħatt jew tagħbija mill-ġdid fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (HS): 05.04; 05.06; 05.07; 05.11.91 jew 05.11.99; 23.01; 41.01.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.23: għall-kontenituri li jġorru l-kwantità, iridu jiddaħħlu n-numru tal-kontenitur u tas-siġill (jekk japplika).

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.25: użu tekniku: kwalunkwe użu għajr it-tmigħ tal-annimali mrobbijin fi rziezet li ma jkunux annimali mrobbija għall-pil, u għajr il-produzzjoni jew il-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi.

— Kaxxi bin-numru ta' referenza I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed tat-tranżitu jew tal-importazzjoni.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.28:
  — speċi: agħżel minn dawn li ġejjin: Aves, Ruminantia, Suidae, Mammalia li mhumiex Ruminantia jew Suidae, Pesca, Mollusca, Crustacea, invertebrati li mhumiex Mollusca u Crustacea.
  — impjant tal-manifattura: agħti n-numru tal-kontroll veterinarju tal-istabbiliment approvat.

Parti II:

([1a]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([1b]) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

([1c]) L-isem u n-numru tal-Kodiċi ISO tal-pajjiż esportatur kif stabbiliti:
  — fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1);
  — fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, u
  — fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12).

  Barra minn hekk, għandu jiddaħħal il-Kodiċi ISO tar-reġjonalizzazzjoni fl-Annessi msemmijin hawn fuq (fejn japplika għall-ispeċijiet suxxettibbli kkonċernati).

([1d]) Għall-pajjiżi biss minn fejn il-laħam tal-kaċċa maħsub għall-konsum mill-bniedem tal-istess speċi ta' annimali jkun awtorizzat għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

([2]) Ħassar skont il-bżonn.

([3]) Minbarra d-demm nej, il-ħalib nej, il-ġlud, id-dwiefer u l-qrun, il-lanżit tal-ħnieżer u r-rix (ara ċ-ċertifikati speċifiċi rilevanti f'dak l-Anness għall-importazzjoni ta' dawn il-prodotti).

([4]) ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1.

([4 a]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3.

([5]) Garanziji supplimentari li jridu jingħataw meta l-materjal minn ruminanti domestiċi jkun oriġina fit-territorju ta' pajjiż mill-Amerika t'Isfel jew mill-Afrika t'Isfel jew minn parti minnu minn fejn huwa permess għall-esportazzjoni fl-Unjoni Ewropea biss il-laħam frisk ta' ruminanti domestiċi mmaturat u dissussat għall-konsum mill-bniedem. Il-muskolu masseter sħiħ tal-annimali bovini, inċiż skont it-Taqsima IV, il-Kapitolu I, il-Parti B.1, tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206), huwa wkoll permess..

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi**

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(6) Għal ċerti pajjiżi tal-Amerika t'Isfel biss.
(7) Għal ċerti pajjiżi tal-Amerika t'Isfel u tal-Afrika t'Isfel biss.
(8) ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84.
(9) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

— Il-kulur tal-firma u tat-timbru jrid ikun differenti minn dak tal-istampar.
— Nota għall-persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-konsenja sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-Unjoni Ewropea.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

";

(b) Il-Kapitolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 8

Ċertifikat tas-saħħa

Għall-prodotti sekondarji tal-annimali biex jintużaw għal skopijiet barra mill-katina tal-għalf jew bħala kampjuni tal-kummerċ ([2]), maħsubin biex jintbagħtu fl-Unjoni Ewropea jew għat-tranżitu minnha ([2])

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur
Isem
Indirizz

Nru tat-telefown

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz

Kodiċi Postali
Nru tat-telefown

I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE
Isem
Indirizz

Kodiċi Postali
Nru tat-telefown

I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO

I.8. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.10. Reġjun tad-destinazzjoni | Kodiċi

I.11. Post tal-oriġini

Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post tad-destinazzjoni

Maħżen doganali ☐
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

Kodiċi Postali

I.13. Post tat-tagħbija

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz tat-trasport

Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni
Ir-referenzi tad-dokumenti

I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (il-Kodiċi tas-SA)

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodott
Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:

Użu tekniku ☐

I.26. Għat-tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐

Pajjiż terz | Kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew għall-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Natura tal-prodott	Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti: Impjant tal-manifattura	Għadd ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-lott

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali li se jintużaw għal skopijiet barra mill-katina tal-għalf, jew bħala kampjuni tal-kummerċ(2)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([1a]), u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011([1b]), u b' mod partikolari l-Kapitolu II tal-Anness XIV tiegħu, u niċċertifika li l-prodotti sekondarji tal-annimali deskritti hawn fuq

(2)jew [huma kampjuni tal-kummerċ li jikkonsistu minn prodotti sekondarji tal-annimali maħsubin għal studji jew analiżijiet partikolari kif imsemmi fid-definizzjoni tal-kampjuni tal-kummerċ fil-punt 39 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, li għandhom it-tikketta "KAMPJUN TAL-KUMMERĊ MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM".]

(2)jew [jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-punt II.1.];

II.1. Il-prodotti sekondarji tal-annimali deskritti hawn fuq

II.1.1. ġew

(2)jew [(a) miksuba minn materjali importati minn pajjiż terz, jew minn territorju jew parti minnu:……(3) awtorizzat li jesporta l-laħam frisk fl-Unjoni Ewropea;]

(2)u/jew [(b) miksuba fil-pajjiż terz, fit-territorju tiegħu jew f'parti minnu li qed jesporta:……(3) minn annimali li

jew:

(i) baqgħu f'dak il-pajjiż terz, fit-territorju jew fil-parti minnu eliġibbli biex jesporta l-laħam frisk lejn l-Unjoni Ewropea, mit-twelid jew għall-perjodu ta' mill-inqas it-tliet xhur ta' qabel id-data tat-tbiċċir; u/jew

(ii) inqatlu fis-salvaġġ f'dak il-pajjiż terz, fit-territorju tiegħu jew f'parti minnu([4]);]

(2)u/jew [(c) huma derivati minn bajd, ħalib, radoituri, lagomorfi, jew annimali akkwatiċi jew minn invertebrati akkwatiċi jew terrestri;]

(2)[II.1.2. fil-każ ta' materjali oħra għajr materjali derivati minn bajd, ħalib, radoituri, lagomorfi, xaħam tas-suf, annimali akkwatiċi, invertebrati akkwatiċi jew terrestri u pil mhux ipproċessat, inkisbu minn annimali:

(2)jew [(a) li ġejjin minn azjendi:

(i) fejn, għall-mardiet li ġejjin li l-annimali huma suxxettibbli għalihom, ma kienx hemm każijiet/tifqigħat tal-pesta bovina, tal-marda vexxikulari tal-ħnieżer, tal-marda ta' Newcastle jew tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, matul it-30 ġurnata ta' qabel, u lanqas tad-deni klassiku tal-ħnieżer jew id-deni Afrikan tal-ħnieżer, matul il-perjodu tal-40 ġurnata ta' qabel; u lanqas fl-azjendi li jinsabu qribhom f'raġġ ta'10 km, matul il-perjodu tat-30 ġurnata ta' qabel; u

(ii) fejn ma kienx hemm każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul is-60 ġurnata ta' qabel, u lanqas fl-azjendi li kienu jinsabu qribhom sa 25 km, matul il-perjodu tat-30 ġurnata ta' qabel; u

(b) li:

(i) ma nqatlux biex tinqered xi marda epiżootika;

[(2)jew

(ii) baqgħu fl-azjendi tagħhom ta' oriġini għal perjodu ta' mill-anqas 40 ġurnata qabel it-tluq u nġarru direttament lejn il-biċċerija mingħajr ma kellhom kuntatt ma' annimali oħra li ma kinux konformi mal-istess kundizzjonijiet tas-saħħa;

(2)jew

(ii) baqgħu f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja fil-pajjiż terz jew fil-parti tat-territorju tal-pajjiż terz tal-oriġini li minnu l-importazzjonijiet ta' laħam frisk tal-ungulati huma awtorizzati mingħajr ebda restrizzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404]

(iii) fil-biċċerija, għaddew mill-ispezzjoni tas-saħħa ante-mortem waqt il-perjodu tal-24 siegħa qabel it-tbiċċir u ma wrew ebda evidenza tal-mardiet imsemmijin hawn fuq li l-annimali huma suxxettibbli għalihom; u

(iv) qabel u fil-waqt tat-tbiċċir jew tal-qtil ġew immaniġġjati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ssodisfaw rekwiżiti li mill-inqas kienu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009([5])]

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali li se jintużaw għal skopijiet barra mill-katina tal-għalf, jew bħala kampjuni tal-kummerċ([2])**

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([2])jew [(a) inqabdu u nqatlu fis-salvaġġ f'żona:

(i) fejn f'raġġ ta' 25 km ma kienx hemm każ/tifqigħa ta' xi marda minn dawn li ġejjin li l-annimali huma suxxettibbli għalihom: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-pesta bovina, il-marda ta' Newcastle jew l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, matul il-perjodu tat-30 ġurnata ta' qabel, lanqas id-deni klassiku tal-ħnieżer jew id-deni Afrikan tal-ħnieżer, matul il-perjodu tal-40 ġurnata ta' qabel; u

(ii) li tinsab f'distanza ta' aktar minn 20 km mill-fruntieri li jisseparaw territorju ieħor ta' pajjiż terz jew parti minnu, li ma jkunx awtorizzat f'dawn id-dati għall-esportazzjoni ta' dan il-materjal lejn l-Unjoni Ewropea; u

(b) li wara li nqatlu ġew ittrasportati fi żmien perjodu ta' 12-il siegħa biex jitkessħu jew lejn ċentru ta' ġbir u minnufih wara lejn stabbiliment tal-laħam tal-kaċċa, jew direttament lejn stabbiliment tal-laħam tal-kaċċa;]]

([2])[II.1.3. fil-każ ta' materjali oħra għajr materjali dderivati minn ħut jew minn invertebrati maqbudin mis-selvaġġ, li jkunu nkisbu minn stabbiliment li madwaru, f'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-mard imsemmi fil-punt II.1.2 li għalih l-annimali huma suxxettibbli, matul il-perjodu tat-30 ġurnata ta'qabel jew, fil-każ ta' każ/tifqigħa ta' waħda minn dawk il-mardiet, it-tħejjija tal-materja prima għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kienet awtorizzata biss wara t-tneħħija tal-laħam kollu, u t-tindif kollu u d-diżinfezzjoni kollha tal-istabbiliment taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali;]

II.1.4. inkisbu u ġew ippreparati bla ma ġew f'kuntatt ma' materjal ieħor mhux konformi mal-kundizzjonijiet meħtieġa hawn fuq, u li ġew immaniġġati biex tkun evitata l-kontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi;

II.1.5. tqiegħdu f'imballaġġ ġdid li ma jħallix li jkun hemm tnixxija, jew f'imballaġġ li tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel l-użu u, fil-każ ta' konsenji li ma jintbagħtux bil-posta tal-pakketti, f'kontenituri ssiġillati taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti, li jkollhom tikketta li tindika "PRODOTTI SEKONDARJI TAL-ANNIMALI BIEX JINTUŻAW BISS GĦALL-MANIFATTURA TA' PRODOTTI DERIVATI GĦAL UŻIJIET BARRA MILL-KATINA TAL-GĦALF" u l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-destinazzjoni fl-Unjoni Ewropea;

II.1.6. jikkonsistu biss minn dawn il-prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin:

([2])jew [- il-karkassi u l-partijiet ta' annimali mbiċċrin jew, fil-każ tal-annimali tal-kaċċa, l-iġsma jew partijiet tal-annimali maqtulin, li jkunu tqiesu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm jiġu ddikjarati irriversibbilment bħala prodotti sekondarji tal-annimali għal raġunijiet kummerċjali;]

([2])u/jew [- il-karkassi u l-partijiet li ġejjin li joriġinaw jew minn annimali li tbiċċru f'biċċerija u tqiesu tajbin għat-tbiċċir għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem jew mill-iġsma u mill-partijiet tal-annimali tal-kaċċa li ġejjin, maqtulin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

(i) il-karkassi jew l-iġsma u l-partijiet ta' annimali li ġew irrifjutati għaliex mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li ma wrew ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali;

(ii) l-irjus tat-tjur;

(iii) il-ġlud, inklużi l-bċejjeċ minnhom, il-qrun u s-saqajn, inklużi l-għadam tal-karpu u tal-metakarpu, l-għadam tal-falanġi, tat-tarsus u tal-metatarsus;

(iv) il-lanżit tal-ħnieżer;

(v) ir-rix;]

([2])u/jew [- il-prodotti sekondarji mit-tjur u mil-lagomorfi imbiċċra fl-azjendi agrikoli kif imsemmi fl-Artikolu 1(3), il-punt (d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([2a]), li ma wrew l-ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bniedem jew lill-annimali;]

([2])u/jew [- id-demm ta' annimali li ma wrew ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali permezz tad-demm, miksub minn annimali li jkunu tbiċċru f'biċċerija wara li jkunu tqiesu tajbin għat-tbiċċir għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

([2])u/jew [- il-prodotti sekondarji tal-annimali dderivati mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż l-għadam bix-xaħam imneħħi, il-qrieqeċ u l-ħama miċ-ċentrifugi jew mis-separaturi wara l-ipproċessar tal-ħalib;]

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali li se jintużaw għal skopijiet barra mill-katina tal-għalf, jew bħala kampjuni tal-kummerċ([2])**

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([2])u/jew [- il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, jew l-oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, li ma jibqgħux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali, jew minħabba problemi ta' manifattura, jew difetti fl-imballaġġ, jew xi difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2])u/jew [- l-ikel għall-annimali domestiċi u l-materjal li jista' jintuża bħala ikel li joriġina mill-annimali, jew il-materjal li jista' jintuża bħala ikel li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati, li m'għadhomx maħsuba għall-għalf minħabba raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' difetti ta' fabbrikazzjoni jew imballaġġ jew difetti oħra li ma joħolqux riskju għas-saħħa pubblika jew għas-saħħa tal-annimali;]

([2])u/jew [- id-demm, il-plaċenti, is-suf, ir-rix, ix-xagħar, il-qrun, il-qatgħat tal-qwieqeb u l-ħalib mhux ippasturizzat li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma kinux urew sinjali ta' xi mard li jista' jiġi kkomunikat lill-bnedmin jew lill-annimali permezz ta' dawk il-prodotti;]

([2])u/jew [- l-annimali akkwatiċi u l-partijiet ta' dawn l-annimali, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali,]

([2])u/jew [- il-prodotti sekondarji tal-annimali minn annimali akkwatiċi li joriġinaw minn stabbilimenti jew minn impjanti li jimmanifatturaw il-prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

([2])u/jew [- il-materjal li ġej li joriġina mill-annimali li ma jkun wera ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali minn dan il-materjal:

(i) il-qxur tal-frott tal-baħar li jkollu miegħu tessut jew laħam artab;

(ii) dawn li ġejjin li joriġinaw minn annimali terrestri:

— il-prodotti sekondarji tal-mafqas;

— il-bajd;

— il-prodotti sekondarji tal-bajd, inkluż il-qxur tal-bajd;

(iii) il-flieles ta' ġurnata maqtula minħabba raġunijiet kummerċjali;]

([2])u/jew [- il-prodotti sekondarji minn invertebrati akkwatiċi jew terrestri, għajr l-ispeċijiet patoġeniċi għall-bnedmin jew għall-annimali;]

([2])u/jew [- l-annimali tal-ordnijiet żooloġiċi Rodentia u Lagomorpha u partijiet tagħhom, ħlief il-materjal tal-Kategorija 1 msemmi fil-punt (a)(iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u l-materjal tal-Kategorija 2 imsemmi fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament;]

([2])u/jew [- il-pil li joriġina minn annimali mejta li ma wrewx sinjali kliniċi ta' ebda marda komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali permezz ta' dak il-prodott;]

II.1.7. ġew iffriżati fl-impjant ta' oriġini jew ġew ippreservati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea b'mod li ma jitħassrux bejn il-waqt tad-dispaċċ u l-waqt tal-konsenja lill-impjant ta' destinazzjoni.

([2])([6])[II.1.8.

([2])([7])

jew[II.1.8.1.Il-prodotti sekondarji f'din il-konsenja jiġu minn annimali li nkisbu fil-pajjiż, fit-territorju jew fil-parti minnu msemmija fil-punt II.1.1, fejn isiru regolarment programmi tat-tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u jiġu kkontrollati uffiċjalment fl-annimali bovini domestiċi.]]

([2])([8])

u/jew[II.1.8.2.Il-prodotti sekondarji tal-annimali f'din il-konsenja jikkonsistu minn prodotti sekondarji tal-annimali derivati minn interjuri jew minn laħam dissussat.]]

([2])[II.1.9. il-prodotti sekondarji tal-annimali deskritti hawn fuq

([2])jew [huma derivati minn ruminanti li mhumiex annimali bovini, ovini jew kaprini.]]

([2])jew [huma derivati minn annimali bovini, ovini u kaprini u ma fihomx u mhumiex idderivati minn:

([2]) jew [materjali bovini, ovini u kaprini għajr dawk li ġejjin minn annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE([9]).]]

([2])jew [(a) materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([10]);

(b) laħam separat b'mod mekkaniku miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini, ħlief minn dawk tal-annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE, li fih ma kien hemm l-ebda każ indiġenu tal-BSE,

(c) prodott sekondarju tal-annimali jew prodott idderivat miksub minn annimali bovini, ovini jew kaprini li wara l-isturdament inqatlu permezz tal-laċerazzjoni tat-tessut nervuż ċentrali bi strument tawwali fil-forma ta' virga li jiddaħħal fil-kavità kranjali, jew permezz ta' gass injettat fil-kranju, ħlief għal annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE.]]]

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali li se jintużaw għal skopijiet barra mill-katina tal-għalf, jew bħala kampjuni tal-kummerċ([2])**

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1.10 il-prodotti sekondarji tal-annimali deskritti hawn fuq:

([2])jew [ma fihomx ħalib jew prodotti tal-ħalib ta' oriġini ovina jew kaprina jew mhumiex maħsuba għal-għalf tal-annimali mrobbijin fi rziezet, għajr l-annimali mrobbija għall-pil.]

([2])jew [fihom il-ħalib jew prodotti tal-ħalib ta' oriġini ovina jew kaprina u huma maħsuba għall-għalf tal-annimali mrobbijin fi rziezet, għajr l-annimali mrobbija għall-pil, u l-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib:

(a) huma dderivati minn annimali ovini u kaprini li nżammu kontinwament mit-twelid f'pajjiż fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

(i) l-iscrapie klassika hija notifikabbli b'mod obbligatorju;

(ii) hemm fis-seħħ sistema ta' sensibilizzazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ għall-iscrapie klassika;

(iii) fil-każ ta' suspett tal-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli (TSE) jew tal-konferma tal-iscrapie klassika japplikaw ir-restrizzjonijiet uffiċjali għall-azjendi agrikoli tal-annimali ovini jew kaprini

(iv) l-annimali ovini u kaprini affettwati mill-iscrapie klassika jinqatlu u jinqerdu l-karkassi;

(v) it-tmigħ tal-annimali ovini u kaprini bil-frakass tal-laħam u tal-għadam jew bil-qrieqeċ idderivati mir-ruminanti, kif iddefinit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), ġie pprojbit u l-projbizzjoni ilha infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas is-seba' snin ta' qabel;

(b) joriġinaw minn azjendi agrikoli fejn ma hemm imposta l-ebda restrizzjoni uffiċjali minħabba suspett ta' TSE;

(c) joriġinaw minn azjendi agrikoli fejn ma kien hemm l-ebda dijanjożi tal-iscrapie klassika matul il-perjodu tas-seba' snin ta' qabel jew fejn, wara li nstab każ ikkonfermat tal-iscrapie klassika:

([2])jew [l-annimali ovini u kaprini kollha fl-azjenda agrikola nqatlu u nqerdu jew tbiċċru, ħlief l-imtaten tat-tgħammir tal-ġenotip ARR/ARR, in-nagħaġ tat-tgħammir li għandhom mill-inqas allel ARR wieħed u ebda allel VRQ, u annimali ovini oħrajn li jkollhom mill-inqas allel ARR wieħed;]

([2])jew [l-annimali kollha li ġew ikkonfermati li kellhom l-iscrapie klassika nqatlu u nqerdu, u l-azjenda agrikola ilha soġġetta għall-monitoraġġ intensifikat għat-TSE għal mill-inqas sentejn mid-data tal-konferma tal-aħħar każ tal-iscrapie klassika, inkluż bl-ittestjar għall-preżenza tat-TSE fl-annimali kollha li ġejjin li jkollhom aktar minn 18-il xahar, minbarra l-annimali ovini tal-ġenotip ARR/ARR, skont il-metodi tal-laboratorju stipulati fil-Kapitolu C, il-punt 3.2, tal-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, b'riżultati negattivi:

- l-annimali li tbiċċru għall-konsum mill-bniedem; u
- l-annimali li mietu jew inqatlu fl-azjenda agrikola iżda li ma nqatlux fil-qafas ta' kampanja ta' eradikazzjoni tal-mard.]].

Noti

Parti I:

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.6: Persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk dan ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu mill-Unjoni Ewropea; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott li se jiġi importat fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: Fil-każ ta' konsenji għal kampjuni tal-kummerċ jew analiżijiet: indika biss l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11 u I.12: Numru tal-approvazzjoni: in-numru tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment jew tal-impjant li nħareġ mill-awtorità kompetenti.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.12: Post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa trid timtela għall-prodotti li ġejjin:

  — prodotti għall-manifattura ta' prodotti derivati għal użijiet barra mill-katina tal-għalf: biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, fi mħażen ħielsa u fi mħażen doganali.

  — prodotti għal kampjuni tal-kummerċ jew analiżijiet: l-impjant fl-Unjoni Ewropea indikat fl-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti fejn xieraq.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplani) jew l-isem (bastiment). Fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid fl-Unjoni Ewropea, huwa meħtieġ li l-konsenjatur jinforma lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-punt tad-dħul fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.08; 05.05; 05.06, 05.07; 05.11.91; 05.11.99, 23.01 jew 30.01.

PAJJIŻ **Prodotti sekondarji tal-annimali li se jintużaw għal skopijiet barra mill-katina tal-għalf, jew bħala kampjuni tal-kummerċ([2])**

II. **Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.23: għall-kontenituri li jġorru l-kwantità, iridu jiddaħħlu n-numru tal-kontenitur u tas-siġill (jekk japplika).

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.25:

  — użu tekniku: kwalunkwe użu għajr it-tmigħ tal-annimali mrobbijin fi rziezet li ma jkunux annimali mrobbija għall-pil, u għajr il-produzzjoni jew il-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi.

  — għall-finijiet taċ-ċertifikat, il-fraži "użu tekniku" tinkludi użu bħala kampjun tal-kummerċ.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.26 u I.27: minbarra fil-każ ta' kampjuni tal-kummerċ, li ma jintbagħtux fi tranżitu, imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.28:

  — prodotti għall-manifattura ta' prodotti derivati għal użijiet barra mill-katina tal-għalf: Impjant tal-manifattura: agħti n-numru tal-kontroll veterinarju tal-istabbiliment approvat;

  — prodotti għall-istudji jew għall-analiżijiet teknoloġiċi partikolari: l-impjant fl-Unjoni Ewropea indikat fl-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti fejn xieraq;

  — speċi: agħżel minn dawn li ġejjin: Aves, Ruminantia, Suidae, Mammalia għajr Ruminantia jew Suidae, Pesca, Mollusca, Crustacea, l-invertebrati għajr Mollusca u Crustacea.

Parti II:

(1a) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

(1b) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

(2) Ħassar skont il-bżonn.

(2 a) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

(3) L-isem u n-numru tal-Kodiċi ISO tal-pajjiż esportatur kif stabbiliti:

— fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1);

— fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, u

— fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12).

Barra minn hekk, fejn japplika għandu jiddaħħal il-kodiċi ISO tat-territorji u tal-partijiet minnhom imsemmija fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u tar-Regolament (KE) Nru 119/2009 msemmija f'din in-nota (fejn japplika għall-ispeċijiet suxxettibbli kkonċernati).

(4) Għall-pajjiżi biss minn fejn il-laħam tal-kaċċa maħsub għall-konsum mill-bniedem tal-istess speċi ta' annimali jkun awtorizzat għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

(5) ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1.

(6) Garanziji supplimentari li għandhom jingħataw jekk il-materjal tar-ruminanti domestiċi jkun oriġina fit-territorju ta' pajjiż mill-Amerika t'Isfel jew mill-Afrika t'Isfel jew minn parti minnu, minn fejn il-laħam frisk biss li jkun immaturat u dissussat tar-ruminanti domestiċi għall-konsum mill-bniedem ikun awtorizzat għall-esportazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Il-muskolu masseter sħiħ tal-annimali bovini, inċiż skont ir-rekwiżiti tat-Taqsima IV, il-Kapitolu I, il-Parti B.1, tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206), huwa wkoll permess.

(7) Għal ċerti pajjiżi tal-Amerika t'Isfel biss.

(8) Għal ċerti pajjiżi tal-Amerika t'Isfel u tal-Afrika t'Isfel biss.

(9) ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84.

(10) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

— Il-kulur tal-firma u tat-timbru jrid ikun differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-konsenja sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-punt tad-dħul fl-Unjoni Ewropea.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

";

(c) Il-Kapitolu 10(B) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 10(B)

Ċertifikat tas-saħħa

Għax-xahmijiet imdewba mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw għal ċerti skopijiet barra mill-katina tal-għalf, maħsubin biex jintbagħtu fl-Unjoni Ewropea jew għat-tranżitu minnha[2]

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Nru tat-telefown		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-telefown		I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-telefown	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12. Post tad-destinazzjoni Maħżen doganali ☐ Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Kodiċi postali	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Ohrajn ☐ Identifikazzjoni Ir-referenzi tad-dokumenti		I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-prodott (il-Kodiċi tas-SA)	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24. Tip ta' imballaġġ	
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Użu tekniku ☐			
I.26. Għat-tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO		I.27. Għall-importazzjoni jew għall-ammissjoni fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi (isem xjentifiku) Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti: Impjant tal-manifattura Għadd ta' pakketti Piż nett Numru tal-lott			

PAJJIŻ

Xaħmijiet imdewba mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal ċerti skopijiet barra mill-katina tal-għalf

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([1a]), u b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9 u 10 tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011([1b]), u b'mod partikolari l-Kapitolu II tal-Anness XIV tiegħu, u niċċertifika li x-xaħmijiet imdewba deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsistu minn xaħmijiet imdewba mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' hawn taħt;

II.2. tħejjew esklussivament bil-prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin:

([2])[II.2.1. fil-każ tal-materjali maħsuba għall-produzzjoni tal-fjuwils rinnovabbli msemmijin fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 2, il-punt L tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, il-bijodiżil jew il-prodotti oleokimiċi, il-prodotti sekondarji tal-annimali msemmijin fl-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;]

([2])[II.2.2. fil-każ ta' materjali maħsuba għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli msemmijin fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 2, il-punt J tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, il-materjali tħejjew esklussivament minn prodotti sekondarji tal-annimali msemmijin fl-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;]

([2])[II.2.3. fil-każ tal-materjali destinati għal skopijiet għajr il-prodotti kożmetiċi, il-farmaċewtiċi jew l-apparati mediċi, il-materjali tħejjew esklussivament minn:

([2])jew [- prodotti sekondarji tal-annimali li jkun fihom ir-residwi ta' sustanzi jew kontaminanti awtorizzati li jkunu jaqbżu l-livelli permessi msemmijin fl-Artikolu 15(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE([2a]);]

([2])u/jew [- il-prodotti li ġejjin mill-annimali li ġew iddikjarati mhumiex xierqa għall-konsum mill-bniedem minħabba l-preżenza ta' residwi fiżiċi f'dawn il-prodotti;]

([2])u/jew [- annimali u partijiet tal-annimali, għajr dawk imsemmijin fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li mietu mhux għaliex tbiċċru jew inqatlu għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-annimali maqtulin għal skopijiet ta' kontroll ta' mard;]

([2])u/jew [- il-karkassi u l-partijiet ta' annimali imbiċċra jew, fil-każ ta' annimali tal-kaċċa, l-iġsma jew il-partijiet ta' annimali maqtulin, u li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda ma jkunux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

([2])u/jew [- il-karkassi u l-partijiet li ġejjin li joriġinaw jew minn annimali li tbiċċru f'biċċerija u tqiesu tajbin għat-tbiċċir għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem, jew l-iġsma u l-partijiet li ġejjin ta' annimali tal-kaċċa maqtulin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

(i) il-karkassi jew l-iġsma u l-partijiet ta' annimali li jkunu rrifjutati għaliex mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li ma wrew ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali;

(ii) l-irjus tat-tjur;

(iii) il-ġlud, inklużi l-bċejjeċ minnhom, il-qrun u s-saqajn, inklużi l-għadam tal-karpu u tal-metakarpu, l-għadam tal-falanġi, tat-tarsus u tal-metatarsus;

(iv) il-lanżit tal-ħnieżer;

(v) ir-rix;]

([2])u/jew [- id-demm ta' annimali li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jista' jiġi kkomunikat permezz tad-demm lill-bnedmin jew lill-annimali, miksub minn annimali li jkunu tbiċċru f'biċċerija wara li jkunu tqiesu tajbin għat-tbiċċir għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

([2])u/jew [- il-prodotti sekondarji tal-annimali dderivati mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż l-għadam bix-xaħam imneħħi, il-qrieqeċ u l-ħama miċ-ċentrifugi jew mis-separaturi wara l-ipproċessar tal-ħalib;]

([2])u/jew [- il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, jew l-oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, li ma jibqgħux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali, jew minħabba problemi ta' manifattura, jew difetti fl-imballaġġ, jew xi difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2])u/jew [- ikel għall-annimali domestiċi u għalf li joriġinaw mill-annimali, jew għalf li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti dderivati, li ma jkunux baqgħu maħsubin għall-għalf għal raġunijiet kummerċjali, jew minħabba problemi ta' manifattura, jew difetti fl-imballaġġ, jew xi difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

PAJJIŻ **Xaħmijiet imdewba mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal ċerti skopijiet barra mill-katina tal-għalf**

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(2)u/jew [- id-demm, il-plaċenti, is-suf, ir-rix, ix-xagħar, il-qrun, il-qatgħat tal-qwieqeb u l-ħalib mhux ippasturizzat li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma kinux urew sinjali ta' xi mard li jista' jiġi kkomunikat lill-bnedmin jew lill-annimali permezz ta' dawk il-prodotti;]

(2)u/jew [- l-annimali akkwatiċi u l-partijiet ta' dawn l-annimali, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali,]

(2)u/jew [- il-prodotti sekondarji tal-annimali akkwatiċi li joriġinaw minn impjanti jew stabbilimenti li jimmanifatturaw il-prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

(2)u/jew [- il-materjal li ġej li joriġina mill-annimali li ma jkun wera ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali minn dan il-materjal:

(i) il-qxur tal-frott tal-baħar li jkollu miegħu tessut jew laħam artab;

(ii) dawn li ġejjin li joriġinaw minn annimali terrestri:

— il-prodotti sekondarji tal-mafqas,

— il-bajd,

— il-prodotti sekondarji tal-bajd, inkluż il-qxur tal-bajd,

(iii) il-flieles ta' ġurnata maqtula minħabba raġunijiet kummerċjali;]

(2)u/jew [- l-invertebrati akkwatiċi u tal-art għajr l-ispeċijiet patoġeniċi għal bnedmin jew għall-annimali;]

(2)u/jew [- l-annimali tal-ordnijiet żoologiċi Rodentia u Lagomorpha u partijiet tagħhom, ħlief il-materjal tal-Kategorija 1 msemmi fil-punt (a)(iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u l-materjal tal-Kategorija 2 imsemmi fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament;]

(2)u/jew [- il-ġlud, il-qwieqeb, ir-rix, is-suf, il-qrun, ix-xagħar u l-pil li joriġinaw minn annimali mejtin li ma wrew ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali minn dawk il-prodotti;]

(2)u/jew [- it-tessut xaħmi minn annimali li ma wrew ebda sinjal ta' mard komunikabbli lill-bnedmin jew lill-annimali minn dak il-materjal, li tbiċċru f'biċċerija u li tqiesu tajbin għat-tbiċċir għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]]

(2)[II.2.4. fil-każ tal-materjali maħsubin għal skopijiet għajr il-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew ta' materjali li jtejbu l-ħamrija, ta' prodotti kożmetiċi, farmaċewtiċi jew apparati mediċi:

(2)jew [- il-materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fil-punt (g) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(2b);]

(2)u/jew [- l-iġsma sħaħ jew il-partijiet ta' annimali mejta li meta jintremew ikun fihom materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fil-punt (g) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

(2)u/jew [- il-prodotti sekondarji tal-annimali li jkunu ġejjin minn annimali li sarilhom xi trattament illegali kif iddefinit fil-punt (d) tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE(2c) jew fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/23/KE;]

(2)u/jew [- il-prodotti sekondarji tal-annimali li jkun fihom residwi ta' sustanzi u kontaminanti ambjentali oħra elenkati fil-Grupp B(3) tal-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE, jekk dawn ir-residwi jaqbżu l-livelli permessi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew, fin-nuqqas ta' dan, bil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-importazzjoni;]]

II.3. ix-xaħmijiet imdewba:

(a) ġew issuġġettati għall-ipproċessar skont il-metodu ..... (indika l-metodu tal-ipproċessar) kif stabbilit fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, biex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi,

[(2)(b) il-materjali tal-Kategoriji 1 u 2 kienu mmarkati bil-gliċeroltriettanoat (GTH) qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni Ewropea, biex b'hekk tinkiseb konċentrazzjoni omoġenja minima ta' mill-anqas 250 mg GTH għal kull kilogramma xaħam,]

(c) fil-każ ta' xaħmijiet imdewba ta' oriġini mir-ruminanti, ikunu tneħħew aktar minn 0,15 % tal-piż magħmul minn impuritajiet li ma jinħallux,

(d) ikunu ġew ittrasportati f'kundizzjonijiet li ma jippermettux li jiġu kkontaminati, u

(e) ikollhom tikketti fuq l-imballaġġ jew fuq il-kontenitur li jindikaw "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI";

PAJJIŻ **Xaħmijiet imdewba mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal ċerti skopijiet barra mill-katina tal-għalf**

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([2])[II.4. fil-każ tal-materjali maħsubin għal fertilizzanti organiċi, prodotti kożmetiċi, farmaċewtiċi, tagħmir mediku jew prodotti li jtejbu l-ħamrija, ix-xaħmijiet imdewba deskritti hawn fuq

([2])jew [huma dderivati minn ruminanti li mhumiex annimali bovini, ovini jew kaprini.]

([2])jew [huma dderivati minn annimali bovini, ovini u kaprini u ma fihomx u mhumiex idderivati minn:

([2]) jew [materjali bovini, ovini u kaprini għajr dawk li ġejjin minn annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE([3]).]

([2])jew [(a) materjal riskjuż speċifikat kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) laħam separat b'mod mekkaniku miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini, ħlief minn dawk tal-annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE, li fih ma kien hemm l-ebda każ indiġenu tal-BSE,

(c) prodott sekondarju tal-annimali jew prodott idderivat miksub minn annimali bovini, ovini jew kaprini li wara l-isturdament inqatlu permezz tal-laċerazzjoni tat-tessut nervuż ċentrali bi strument tawwali fil-forma ta' virga li jiddaħħal fil-kavità kranjali, jew permezz ta' gass injettat fil-kranju, ħlief għal annimali li twieldu, dejjem trabbew u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat li għandu riskju negliġibbli tal-BSE f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE.]]]

Noti

Parti I:

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.6: Persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk dan ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu mill-Unjoni Ewropea; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott li se jiġi importat fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: Numru tal-approvazzjoni: in-numru tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment jew tal-impjant li nħareġ mill-awtorità kompetenti.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.12:

- numru tal-approvazzjoni: in-numru tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment jew tal-impjant, li nħareġ mill-awtorità kompetenti;

- post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa trid timtela biss jekk dan ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, fi mħażen ħielsa u fi mħażen doganali.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplani) jew l-isem (bastiment). Fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid fl-Unjoni Ewropea, il-konsenjatur għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-punt tad-dħul fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa I.19: uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.05; 15.01, 15.02; 15.03; 15.04; 15.05; 15.06; 15.16 jew 15.18.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.23: għall-kontenituri li jġorru l-kwantità, iridu jiddaħħlu n-numru tal-kontenitur u tas-siġill (jekk japplika).

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.25: użu tekniku: kwalunkwe użu ieħor għajr it-tmigħ tal-annimali mrobbijin fi rziezet li ma jkunux annimali mrobbijin għall-pil, jew tal-annimali domestiċi, u għajr il-produzzjoni jew il-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed tat-tranżitu jew tal-importazzjoni.

— Kaxxa bin-numru ta' referenza I.28:

- speċi: agħżel minn dawn li ġejjin: Ruminantia, għajr Ruminantia;

- impjant tal-manifattura: agħti n-numru tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment tat-trattament /tal-ipproċessar.

Parti II:

([1a]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([1b]) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

([2]) Ħassar skont il-bżonn.

([2 a]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

([2b]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

([2c]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3.

([3]) ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84.

PAJJIŻ **Xaħmijiet imdewba mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal ċerti skopijiet barra mill-katina tal-għalf**

II.	**Informazzjoni dwar is-Saħħa**	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— Il-kulur tal-firma u tat-timbru jrid ikun differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli mill-konsenja fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-konsenja sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-punt tad-dħul fl-Unjoni Ewropea.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

".